# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Settembru, 2019**

**Numru 8**

**Rikors numru 509/16 JPG**

**Nicola Cutajar u martu Carmen Cutajar**

**v.**

**Kummissarju tal-Artijiet u b'digriet tat-23 ta' Frar 2018 l-Awtorità tal-Artijiet assumiet l-atti minflok il-Kummissarju tal-Artijiet; u Direttur tal-Uffiċċju Konġunt**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-atturi miżżewġin Cutajar minn provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Lulju, 2018, fil-kawża fl-ismijiet premessi li bih, u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet parti minn talba magħmula mill-intimati b'rikors tagħhom tad-9 ta'

Marzu, 2018[1], billi ordnat li, fid-dawl ta' xhieda mogħtija mill-attur waqt proċeduri f'kawża oħra quddiem qorti, huwa ta xhieda mhix minnha f'din il-kawża, u għalhekk ordnat lir-Reġistratur jikkomunika l-atti tal-kawża lill-Qorti tal-Maġistrati għall-finijiet tal-artikolu 601(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi biex waslet għall-imsemmija deċiżjoni, l-ewwel Qorti ikkunsidrat hekk:

> "*Dan huwa digriet wara talba li saret mill-intimati sabiex din il-Qorti tordna li r-rikorrenti jiġu arrestati minnufih mill-Kummissarju tal-Pulizija u li kopja tal-atti kollha ta' din il-kawża jgħaddu tramite r-Reġistratur lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex tmexxi kontra r-rikorrenti hekk kif trid il-liġi, u sabiex kopja tad-digriet jiġi notifikat lill-Kummissarju tal-Pulizija. Il-Qorti rat li dan ir-rikors ġie ntavolat wara li r-rikorrenti ppreżentaw nota fit-18 ta' Jannar 2018 permezz ta' liema, kienu ġibdu l-attenzjoni ta' din il-Qorti illi l-Avukat Dr. Josianne Azzopardi għall-intimati kienet iddikjarat li m'għandiex aktar provi x'tipproduċi fl-10 ta' Mejju 2017, u li għalhekk fid-differiment li kien imiss il-Qorti ma kellhiex tisma' aktar provi iżda tgħaddi sabiex tisma' t-trattazzjoni tal-partijiet.*
>
> *"Ir-rikorrenti oġġezzjonaw għat-talba tal-intimati u opponew għall-esebizzjoni tad-dokumenti esebiti magħha u dan stante illi l-provi tal-intimati diġa ġew magħluqa u għalhekk ma setgħux jippreżentawhom f'dak l-istadju btardiv, meta kellhom kull opportunita li jippreżentawhom qabel, mingħajr ma taw l-opportunita lir-rikorrenti li jispjegawhom jew jikkummentaw dwarhom, u lanqas ma ġie mistoqsi domandi in kontro-eżami dwarhom, kif għandu jsir biex ir-rikorrenti jingħataw smigħ xieraq. Argumentaw ukoll illi d-data relevanti għad-determinazzjoni tar-residenza tar-rikorrenti hija l-31 ta' Diċembru 2015 u d-dokumenti esebiti mar-rikors tal-intimati huma kollha preċedenti għal dik id-data, filwaqt li sostnew illi la għamlu dikjarazzjoni falza, u lanqas hemm prova ta' dan.*
>
> *"Il-Qorti rat id-dokumenti illi ġew preżentati mill-intimati, u huwa minnu illi dawn id-dokumenti huma kollha* ***anteċedenti*** *għal 31 ta' Diċembru 2015. Illi pero dawn id-dokumenti ma jmorrux lura għas-snin qabel il-31 ta' Diċembru 2015. Filfatt, id-dokument a fol. 91, fejn qed jiġi indikat illi r-residenza tar-rikorrenti hija 'Villino Cutajar', Sqaq Numru 2, Triq*

[1] Paġġ. 94 – 5 tal-proċess

*San Nikola, Siġġiewi, huwa datat 2 ta' Marzu 2015, filwaqt illi d-dokument a fol 98, datat 16 ta' Marzu 2015, hemm indikat illi n-notifika tal-konjuġi Cutajar għandha ssir fl-istess indirizz fis-Siġġiewi, fejn filfatt ġew notifikat Nicola Cutajar fl-4 ta' April 2015. Fl-affidavit tagħha, Nicholina Psaila ukoll tiddikjara li l-konjuġi Cutajar jirrisjedu fl-istess fond fis-Siġġiewi, u dan l-affidavit ġie maħluf fil-5 ta' Marzu 2015.*

*"Il-Qorti rat illi fl-ittra mibgħuta mill-Avukat Ian Refalo għan-nom tar-rikorrenti, esebita a fol 58, l-indirizz tar-rikorrenti ġie indikat bħala 'Villino Cutajar", 4, Alley 2, St. Nicholas Street, Siġġiewi.'*

*"Il-Qorti rat ukoll illi fl-affidavit tiegħu preżentat f'dawn il-proċeduri, Nicola Cutajar iddikjara, u ikkonferma bil-ġurament tiegħu is-segwenti:*

> *"**Jien ilni ngħix fil-fond bħala residenza ordinarja tiegħi <u>mid-data li xtrajt il-fond u cioe mil-2010</u> sal-lum.**"*

*"In kontro-eżami mbagħad ikkonferma illi r-rikorrenti kienu joqogħdu fid-dar tas-Siġġiewi sa meta xtraw il-proprjeta meritu tal-kawża odjerna, u ċioe sal-2010. Qal li fi żmien ġimgħatejn kienu installaw id-dawl, kamra tal-banju, kaħħlu u ġarrew l-għamara u marru joqogħdu fil-fond meritu ta' dawn il-proċeduri.*

*"Il-Qorti rat ukoll illi fil-kuntratt tat-23 ta' Awissu 2010 permezz ta' liema r-rikorrenti akkwistaw l-utile dominju temporanju tal-proprjeta in kwistjoni, saret is-segwenti dikjarazzjoni:*

> *"Il-kompraturi [ċioe r-rikorenti] qegħdin jiddikjaraw, wara li jiena Nutar sottofirmat, fehemthom b'mod partikolari dwar l-importanza tal-verita ta' din id-dikjarazzjoni tagħhom, illi **l-proprjeta ilha mikrija lil-Kompraturi għal żmien twil u tikkostitwixxi r-residenza unika u ordinarja tagħhom**. Għalhekk, il-Boll fuq dan l-att jammonta għal tliet mija disgħa u għoxrin euro (€ 329), liema somma għandha tinqasam bejn il-Kumpanija Venditriċi u l-Kompraturi f'ishma ndaqs bejniethom, kif imsemmi aktar 'il fuq."*

*"Għalhekk jirriżulta li saru s-segwenti dikjarazzjonijiet:*

*"1. Il-kuntratt datat 23 ta' Awissu 2010, illi r-rikorrenti kienu diġa jokkupaw l-proprjeta in kwistjoni ċioé 38, Triq Manuel Dimech, Sliema bħala l-unika u l-ordinarja residenza tagħhom għal żmien twil;*

*"2. Fil-kors ta' dawn il-proċeduri, Nicola Cutajar iddikjara kemm fl-affidavit tiegħu u kif ukoll in kontro-eżami, illi r-rikorrenti bdew jirrisjedu fil-fond in kwistjoni xi ġimgħatejn wara t-23 ta' Awissu 2010;*

*"3. F'numru ta' ittri u atti ġudizzjarji li saru bejn l-2014 u l-2016, l-fond indikat bħala r-residenza tar-rikorrenti, liema dikjarazzjoniijiet ġew maħlufa bil-ġurament fl-atti ġudizzjarji, ma kienx dak in kwistjoni iżda fond fis-Siġġiewi.*

> *"Illi meħud dan kollu flimkien, fil-fehma tal-Qorti jissussisti suspett illi setgħet ingħatat dikjarazzjoni ġuramentata falza. Il-Qorti pero rat illi d-dikjarazzjonijiet ġuramentati sospetti ma sarux minn Carmen Cutajar, iżda biss minn Nicola Cutajar, u għalhekk l-Artikolu 601(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jistax jiġi applikat fil-konfront ta' Carmen Cutajar. Il-Qorti tirrileva inoltre illi fil-fehma tagħha, l-arrest immedjat ta' Nicola Cutajar m'huwiex meħtieġ u fiċ-ċirkostanzi m'huwiex f'loku."*;

3. Illi b'rikors imressaq minnhom fis-16 ta' Lulju, 2018[2], ir-rikorrenti talbu lill-ewwel Qorti tħallihom iressqu appell mill-imsemmi provvediment (minn issa 'l hemm imsejjaħ "id-deċiżjoni appellata"), liema talba ntlaqgħet b'degriet mogħti minnha bil-miftuħ waqt is-smigħ tal-15 ta' Ottubru, 2018[3], u għar-raġunijiet hemm imsemmija;

4. Illi fir-Rikors tal-Appell imressaq minnhom fit-30 ta' Ottubru, 2018, u għar-raġunijiet hemm imfissra, huma talbu li din il-Qorti tħassar u tirrevoka l-ordni u d-deċiżjoni appellata u tordna l-prosegwiment tal-kawża skond il-liġi;

5. Illi b'Risposta mressqa minnhom fil-5 ta' Novembru, 2018, l-intimati (minn issa 'l hemm imsejħin "l-appellati") qalu li l-appell għandu jitwarrab għaliex ma jżid xejn ġdid ma' dak li kienu qalu l-appellanti qabel ma ngħatat id-deċiżjoni appellata, u għalhekk din il-Qorti jmissha tiċħad l-istess appell bl-ispejjeż doppji kontra l-appellanti;

---

[2] Paġ. 122Ċ tal-proċess

[3] Paġġ. 128 sa 132 tal-proċess

6. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tad-19 ta' Frar, 2019;

7. Rat l-atti kollha tal-kawża;

8. Rat li l-appell tħalla għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

9. Illi dan huwa appell minn provvediment interlokutorju. Bis-saħħa tad-deċiżjoni appellata, l-ewwel Qorti sabet li l-appellant Nicola Cutajar seta' kien għamel dikjarazzjonijiet maħlufa fi proċedimenti quddiem il-Qrati li ma jaqblux ma' dikjarazzjonijiet jew xiehda oħra mogħtija minnu fi proċedimenti oħra u saħansitra f'din il-kawża. Id-deċiżjoni appellata hija waħda maħsuba biex tirregola l-imġiba ta' xhud li, fil-fehma tal-qorti, tkun ħatja ta' xiehda falza;

10. Illi għalkemm id-deċiżjoni appellata ngħatat biss fil-konfront tal-appellant Nicola Cutajar, l-appell tressaq ukoll minn martu. Ma hemmx għalfejn jingħad li dan ma messux sar għaliex l-attriċi Carmen Cutajar ma tieħdet kontra tagħha l-ebda miżura mill-ewwel Qorti u lanqas instab li kienet taħti għal xi xiehda jew dikjarazzjoni falza, u għalhekk jonqos fiha l-interess li tressaq dan l-appell;

11. Illi jidher ukoll li l-appellant għaraf l-aspett ordinatorju tad-deċiżjoni appellata. Kif titlob il-liġi, huwa ressaq talba quddiem l-ewwel Qorti biex tħallih jappella minn dik id-deċiżjoni. Fil-provvediment li tat l-ewwel Qorti biex awtorizzatu jressaq l-appell, hija għamlet studju mirqum tal-jedd għal appell minn digriet interlokutorju u fliet id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 229 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Wara li ngħata l-permess, tressaq l-appell;

12. Illi l-Qorti jidhrilha li, qabel ma tgħaddi biex tqis l-aggravju tal-appellant, għandha tirrileva l-aspett tar-ritwalità tal-appell imressaq quddiemha. Il-kwestjoni tas-siwi ta' appell huwa materja ta' ordni pubbliku u din il-Qorti għandha mhux biss il-jedd imma wkoll d-dmir li tqajjem ukoll minn rajha l-kwestjoni tas-siwi ta' appell li jitressaq quddiemha b'mod li ma tistax tassumi ġurisdizzjoni li ma jkollhiex[4]. Dan qiegħed jingħad minkejja li l-appellati ma qajmu l-ebda kwestjoni dwar tali siwi;

13. Illi l-liġi[5] tgħid b'mod ċar li appell minn degriet interlokutorju mogħti qabel sentenza definittiva jrid jitressaq fi żmien sitt (6) ijiem mill-jum meta d-degriet ikun inqara fil-qorti bil-miftuħ. Iżda, fejn biex isir appell ikun

[4] App. Inf. PS **19.10.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi General Transport Ltd vs George Mifsud et***

[5] Art. 229(6) tal-Kap 12

meħtieġ li l-Qorti tagħti l-permess speċjali[6], dak iż-żmien jibda għaddej minn dakinhar li d-degriet li jagħti tali permess ikun ingħata mill-Qorti bil-miftuħ. Għalkemm il-liġi tagħti lill-parti wkoll il-jedd li titlob lill-Qorti li tkun tat xi degriet biex terġa' tirrikonsidra dak il-provvediment[7], il-parti trid tagħżel bejn talba għar-rikonsiderazzjoni "*contrario imperio*" jew talba għal appell mill-provvediment[8];

14. Illi ż-żmien stabbilit fl-artikolu 229(6) huwa terminu ta' dekadenza u jrid jitħares b'reqqa, minħabba li, bħal termini oħra proċedurali fl-istess Kodiċi, huwa ta' ordni pubbliku u ma jistax jiġi bl-ebda mod injorat u lanqas rinunzjat jew imtawwal lanqas jekk bil-kunsens tal-partijiet[9]. L-effett ta' att imressaq wara ż-żmien mogħti mil-liġi huwa n-nullità u saħansitra l-irritwalità tiegħu[10];

15. Illi filwaqt li d-deċiżjoni appellata ngħatat fil-11 ta' Lulju, 2018, l-appellant ressaq rikors fiż-żmien ta' sitt ijiem biex jitlob li jitħalla jappella minnha. L-ewwel Qorti tat il-permess b'degriet moqri bil-miftuħ waqt is-smigħ tal-15 ta' Ottubru, 2018. Madankollu, l-appell tallum tressaq fit-30 ta' Ottubru, 2018. Jidher ċar li l-appellant ma ħarisx iż-żmien mogħti mil-

[6] Art. 229(5) tal-Kap 12

[7] Art. 229(3) tal-Kap 12

[8] App. Ċiv. **29.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Fortunato Farruġia et vs Supretendent tas-Saħħa Pubblika et***

[9] App. Inf. PS **6.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Kenneth Abela vs Aplan Ltd et***

[10] App. Ċiv. **15.12.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Anton Borġ vs Linda Susan Holm (Borġ) et***

liġi fil-*proviso* tal-artikolu 229(6) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-liġi titkellem fuq sitt (6) ijiem kurrenti u mhux sitt ijiem tax-xogħol;

16. Illi dan ifisser li l-appell tressaq wara ż-żmien u għalhekk din il-Qorti ma tistax tieħu qies tiegħu fil-mertu;

***Decide:***

17. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** minħabba l-irritwalità tiegħu, bl-**ispejjeż** kontra l-appellanti; u

**Tordna** li l-atti tal-kawża jintbagħtu lir-Reġistratur ħalli jwettaq dak li ordnatlu jagħmel il-Prim'Awla fid-deċiżjoni appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm